# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

L-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-11.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

Is-Sindku spjega illi ħass li kellu jsejjaħ din il-laqgħa dwar l-attivita' 'Għad-Dell tal-Akwadott' li se ssir is-Sibt li ġej peress li nqalgħu ċirkustanzi li s-Sindku qal li kellu jressaq it-tħassib tiegħu lill-awtoritajiet.

Is-Sindku semma illi Għaqda li hija partner f'dan il-proġett tal-Unjoni Ewropeja flimkien mal-Kunsill Lokali bdiet toħloq l-intoppi. Nhar il-Ħadd li għadda bdew il-preparamenti għall-attivita' u lis-Sindku qalulu li xi nies li ser ikunu qed jaħdmu mal-kuntrattur Power Sound, li ħa l-offerta għall-attivita', ġew avviċinati u ntalbu somma flus minn din l-Għaqda li hija partner. Is-Sindku qal li tkellem mal-kuntrattur u dan ikkonferma dan kollu. Huwa qal li ċempel direttament lill-partners u persuna minnhom ċaħdet dan kollu u persuna oħra qalet li jista' jkun li avviċinaw lil xi wieħed mis-sub contractors. Jidher li s-sitwazzjoni hija li l-partners qed javviċinaw lill-kamra tan-nar li ser tkun qed taħdem in-nar tal-attivita' sabiex isir inqas xogħol ta' nar u l-flus li jibqa' jgħaddu lill-partners. Persuna minn din l-Għaqda baqgħet tisħaq mas-Sindku illi jridu jkunu ġol-għalqa iżda s-Sindku għamilha ċara magħhom illi ħadd ma jista' jidħol sakemm ma jkunx liċenzjat.

Is-Sindku żied jgħid illi lbieraħ kellu laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u s-Supretendent assigurah li ma jista' jidħol ħadd. Dr Joseph Grech ċempel lis-Sindku f'isem l-Għaqda u saħaq li huma bħala partners għandhom dritt jidħlu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni. Anzi huwa fl-niteress tiegħu li kollox isir kif suppost iżda saħaq li min jidħol irid ikun liċenzjat. Aħna bħala Kunsill tkellimna mal-Avukat tal-Kunsill sabiex naraw kif għandna nimxu. Għalhekk, sabiex il-Kunsill jissalvagwardja l-interessi kollha tiegħu mingħajr ma jagħmel preferenza ma' ħadd u xejn, ser jibgħat ittra lill-kuntrattur, jiġifieri lill-Power Sound, sabiex jiġbidlu l-attenzjoni u jfakkru fir-responsabbiltajiet tiegħu bil-kuntratt li ffirma għal din l-attivita'.

Bħala Kunsill, is-Sindku qal li ħass il-bżonn li nitolbu għal Pulizija extra sabiex ikun preżenti fejn l-għalqa minn fejn ser jinħaraq in-nar nhar is-Sibt sabiex jinżamm il-kontroll. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi kellna nordnaw ukoll xi securities żejda li jkun irid iħallashom il-Kunsill.

Wara li spjega illi dawn l-attivitajiet isiru ukoll sabiex igawdu l-għaqdiet tar-raħal minnhom, is-Sindku qal li hawn persuni mir-raħal stess li żgur mhumiex jaħdmu għar-raħal.

Dr Joseph Grech issuġġerixxa mas-Sindku illi l-partners ikunu jistgħu jidħlu fl-għalqa sabiex jaraw li kollox qed isir kif suppost permezz ta' persuna ntiża fix-xogħol tan-nar. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u ma sabx oġġezzjoni iżda b'dawn il-kundizzjonijiet. Illi:

1. Il-Kunsill Lokali għandu jkun jaf din il-persuna min hi minn qabel;

2. Din il-persuna jkollha Licence A;
3. Din il-persuna titħallas minn naħa tal-partners;
4. Ħadd mill-partners inkluż il-Kunsill ma jidħol fl-għalqa minn fejn ser jinħaraq in-nar;
5. Jekk jinħass il-bżonn, il-Kunsill jidentifika persuna b'Licence A minn naħa tiegħu ħalli tiċċekkja għall-Kunsill Lokali ukoll.

Sar qbil li nitkellmu ma' Dr Joseph Grech b'dawn il-kundizzjonijiet.

Sadanittant, is-Sindku spjega illi l-kuntrattur talab li tintuża t-tinda tal-Kunsill għall-attivita'. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Peress li din kienet ser tintrama' mill-Għaqda Għajn Tuta u wara dan id-disgwid ma kinux lesti li jarmawha, is-Sindku qal li tkellem ma' Jonathan Mercieca mill-Għaqda tan-Nar sabiex jekk iridu jarmaw it-tinda huma bħala għaqda. L-Għaqda tan-Nar lesti li jżarmawha u jarmawha u l-Kunsill qabel li jħallashom Eur700 sabiex jarmawha u Eur300 sabiex iżarmawha. Is-Sindku qal ukoll illi l-palk mhuwiex parti mill-offerta u għalhekk, il-Kunsill irid jaħseb għalih hu. Ġibna tliet kwotazzjonijiet u ħa nġibu l-irħas wieħed.

Fl-aħħar tal-laqgħa, is-Sindku stqarr illi huwa jkollu jgħid illi mil-lum 'l quddiem, fejn jidhru ċertu ismijiet li ppruvaw iħammġu u jkunu ta' xkiel għall-Kunsill permezz ta' din l-attivita', huwa personalment mhux ser ikun qed jaħdem aktar magħhom u se jżomm id-distakk tiegħu.

Il-laqgħa ntemmet f'12.20pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |